**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Cini**

Numru: 208/2018

Illum 12 ta' Gunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Cini,** iben Victor u Rita xebba Mangion, imwieled nhar il-21 ta' Settembru 1976 fir-Rabat, Ghawdex u residenti gewwa l-fond Arzella, Triq il-Kaccaturi, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25776(G), akkuzat talli matul il-granet ta' bejn l-24 u t-28 ta' Marzu 2017 gewwa z-Zebbug, Ghawdex u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Waqt stagun maghuq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew ipprova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) ta' L.S.594.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi ( L.S.549.42) mhux skont

dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta′ kull licenzja moghtija bi ksur tar-Regolamenti 4(1)(a) ta′ L.S. 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jewipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta′ Regolament (7)(1)(e) tal-L.S 549.42;

4. Akkużat ukoll talli ma żarmax u ma neħħiex l-imnasab, inkluz xbieki u lasti minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta għalaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa tal-2016 bi ksur ta' Kundizzjoni 8 tal-Liċenzja Speċjali għall-Insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa tal-2016 hekk kif mitlub minn Regolament 7(h) ta' LS 549.93;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta′ regolament 27 tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta′ kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konsevazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perijodu applikabli;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat ir-rikors tax-xhud Fiona Burrows tal-lum stess 12 ta′ Gunju 2018;

Illi l-fatt li r-rikors gie prezentat dalghodu minghajr provi li s-Sinjura Fiona Burrows tinsab imsiefra mhux accettabbli ghal din il-Qorti;

Illi l-Qorti tinnota li x-xhud Fiona Burrows kienet giet notifikata bis-seduta tal-lum fl-1 ta′ Gunju 2018 u ghaldaqstant kellha hin bizzejjed biex ir-rikors ikun prezentat b′mod komplet u fil-hin, u mhux jingabu l-imputati bl-Avukati difensuri taghhom u bix-xhieda ghalxejn ghas-seduta tal-lum;

In oltre, il-Qorti taghmilha cara li x-xhud Fiona Burrows ghandha tifhem darba ghal dejjem li ma tistax tippretendi li tiddetta l-andament ta′ dawn il-kawzi skont l-esigenzi taghha b′nuqqas ta′ rispett lejn l-operaturi kollha fl-istess Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk qed taghlaq il-provi taghha;

Semghet lill-imputat Joseph Cini jixhed minn jeddu u b'mod volontarju li ddikjara li l-karozza veru li hija tieghu, izda hu ma kienx jonsob;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Axiak** deciza fil-21 ta' Lulju 2017 fejn dik il-Qorti tkellmet dwar kif ghandha ssir identifikazzjoni tal-persuna li tkun qieghda twettaq reat;

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Nru. 400/2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Muscat** deciza fid-19 ta' Ottubru 2016 fejn dik il-Qorti tkellmet dwar kif ma jistax jigi eskluz li kien hemm persuna injota li kienet qed taghmel uzu mill-mansab;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Joseph Cini hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**